MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2004

Talba Numru. 2403/2003

**Capital Services Limited**

**vs**

**Muscat's Servicing Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-2 ta' Dicembru, 2003 fejn intalab il-hlas ta' mija u hmistax-il lira Maltija (Lm115.00) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u debitament ikkonsenjata u ta' servizzi rezi;**

**Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata Novembru, 2003 u bl-imghax legali kontra s-socjeta` konvenuta mid-data tal-konsenja.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fit-8 ta' Jannar, 2004, ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li rapprezentant tas-socjeta` konvenuta baqa' ma deherx.**

**Ghaldaqstant fil-kontumacja tas-socjeta` konvenuta t-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u hmistax-il lira Maltija (Lm115.00) bl-imghax legali mit-30 ta' Novembru, 2003.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata Novembru, 2003 ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------